MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 1268/2008

**CARMLU LIMITED (C-18879)**

vs

**KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Diċembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) tiċħad it-talba magħmula lilha mil-Kummissarju intimat fl-ittra uffiċjali tat-12 ta' Diċembru, 2008, li biha talabha tħallsu is-somma ta' taxxa tad-dħul jew taxxa provviżorja jew taxxa addizzjonali hemm imsemmija; (b) ssib li l-ammont mitlub fl-istess ittra uffiċjali

ma huwiex dovut minnha; (ċ) tħassar l-istess ittra uffiċjali u tal-Avviż tal-Ħlas (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ATĦ") mehmuż magħha; u (d) li tagħti l-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa, magħdud l-ordni ta' riferenza kostituzzjonali;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissarju intimat fit-28 ta' Jannar, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li dik l-azzjoni ma tiswiex għaliex l-att li bih inbdiet hu nieqes mill-forma preskritta mil-liġi, u wkoll għaliex ir-rikorrenti naqset li tħares id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460(1) tal-Kap 12 qabel ma fetħet din il-kawża. Laqa' wkoll għall-azzjoni attriċi fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Frar, 2009, li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, tisma' s-sottomissjonijiet u tiddeċiedi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimat;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kummissarju intimat fit-30 ta' Marzu, 2009[1], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti fit-2 ta' April, 2009[2], bi tweġiba għal dik tal-intimat;

Rat in-Nota ta' riferenzi mressqa mill-Kummisarju intimat waqt is-smigħ tat-12 ta' Mejju, 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari, u, fuq talba tal-istess kumpannija rikorrenti, bil-fakulta' li tressaq nota ta' riferenzi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju, 2009;

[1] Paġġ. 20 – 8 tal-proċess
[2] Paġġ. 29 sa 31 tal-proċess

Rat li l-kumpannija rikorrenti ma ressqet l-ebda nota ta' riferenza, imma minflok fl-1 ta' Ottubru, 2009, ressqet rikors għas-sospensjoni tal-għoti tas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex tattakka u twaqqa' ittra uffiċjali eżekutiva mibgħuta lill-kumpannija rikorrenti mill-Kummissarju tat-Taxxi interni għall-finijiet tal-artikolu 40 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' ATĦ;

Illi l-Kummissarju intimat laqa' b'eċċezzjonijiet dwar is-siwi tal-proċedura meħuda mill-kumpannija rikorrenti. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu kemm dwar l-ammont ta' taxxa li jistħoqqlu jirċievi u kif ukoll dwar is-siwi tal-ittra uffiċjali li biha jgħid li ħalaq it-titolu eżekuttiv tiegħu dwar dak l-ammont pretiż;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, u jiġifieri dwar jekk kienx sewwa li l-kawża titressaq bil-mod li tressqet;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti u li huma rilevanti għall-kwestjonijiet mistħarrġa b'din is-sentenza, jirriżulta li f'Novembru tal-2008, il-Kummissarju intimat ħareġ rendikont dwar taxxa tad-dħul dovuta lilu mill-kumpannija rikorrenti għas-Snin ta' Stima mill-1999 sal-2005. B'ittra uffiċjali maħruġa fit-12 ta' Diċembru, 2008[3], il-Kummissarju mħarrek interpella lill-kumpannija biex, fi żmien jumejn, tħallsu s-somma ta' €18,882 bħala taxxa provviżorja għas-Snin ta' Stima bejn l-2000 u l-2007 u wkoll bħala taxxa addizzjonali. Għaxart ijiem wara, infetħet din il-kawża;

Illi r-raġunijiet li wasslu lill-kumpannija rikorrenti tiftaħ din il-kawża jikkonsistu fix-xilja li l-ittra uffiċjali li bagħtilha l-Kummissarju intimat tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 174(2)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Minbarra dan

[3] Dok "A", f'paġ. 3 tal-proċess

billi, bla ħsara għal dak li ngħad qabel, il-proċedura maħsuba fl-artikoli 40 u 44 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta tiksrilha l-jedd fundamentali tagħla għal smigħ xieraq skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, b'mod partikolari billi t-talba għall-ġbir ta' taxxa "tammonta għal vertenza dwar '*criminal charge*' " u għalhekk il-proċeduri maħsuba fl-imsemmija artikoli 40 u 44 tal-Att ma jistgħux jintużaw biex tinġabar taxxa addizzjonali;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt fir-rigward tal-eċċezzjonijiet taħt eżami jidher li dawn iqisu l-aspett purament formali tal-att li bih infetħet din il-kawża. L-intimat jgħid li l-att ġudizzjarju li bih inbdiet din il-kawża m'huwiex dak preskritt mil-liġi, u, minbarra f'hekk, dak l-att ma jiswiex ukoll minħabba li tressaq qabel ma l-kumpannija rikorrenti kienet ħarset il-proċedura stabilita mil-liġi dwar azzjonijiet li jsiru kontra l-Gvern. Fi kliem ieħor, dawn l-eċċezzjonijiet jinbnew fuq l-artikoli 460 u 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi **għal dak li jirrigwarda n-nullita' tal-att għaliex tressaq bla ma tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12**, għandu jingħad li dan l-artikolu huwa waħda mid-dispożizzjonijiet li l-liġi tikkontempla fir-rigward ta' proċeduri ġudizzjarji li fihom ikun imdaħħal il-Gvern. F'din l-għamla ta' proċeduri, l-liġi tagħti lill-Gvern ċerti privileġġi. Minħabba f'hekk, u billi dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura partikolari, għandhom jitqiesu bħala eċċezzjoni għar-regoli ġenerali proċedurali u fl-istess waqt jitħaddmu fi ħdan il-qafas sħiħ ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi r-regola ewlenija li jagħmel l-artikolu 460 tal-Kap 12 hija li ebda kawża jew proċediment ma jista' jittieħed kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni qabel ma jkunu għaddew għaxart (10) ijiem min-notifika lilhom ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju li bihom il-Gvern jew dik l-awtorita' tintalab tagħmel (jew tieqaf milli tkompli) xi ħaġa li tkun il-mertu tal-kawża jew tal-proċedura mħarsa

b'dan l-artikolu. Din ir-regola għandha l-eċċezzjonijiet tagħha, ukoll imfissra fl-artikolu 460;

Illi f'dan il-każ m'huwiex kontestat li l-kumpannija rikorrenti ma kinitx ressqet xi interpellazzjoni "preventiva" b'att ġudizzjarju kontra l-intimat fi żmien għaxart ijiem qabel ma fetħet din il-kawża;

Illi mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 joħroġ ċar li mhux talli att ġudizzjarju (li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju) ma jiswiex u ma jistax jitmexxa 'l quddiem kontra l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika, kif ingħad, iżda li lanqas biss imissu jitħalla jitressaq mir- Reġistratur tal-Qrati. Il-liġi tuża l-kliem "ippreżentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-ħsieb tal-leġislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett;

Illi f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fit-tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, ingħad dejjem li l-azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu. Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju;

Illi din il-Qorti, madankollu, tqis li fil-każ li għandha quddiemha, l-att (jiġifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma tħalla mir-Reġistratur tal-Qrati jimxi 'l quddiem tant li assenjah bħala kawża biex tinstema' minn din il-Qorti. Dan in-nuqqas waħdu ma jservix biex dak li ma jiswiex iġibu jiswa[4], imma jista' jkun indikattiv ħafna jekk fil-fatt jirriżulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita';

Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma ngħad f'sentenzi ta' dawn il-Qrati, dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni

---

[4] Ara P.A. **25.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.666**)

pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[5];

Illi l-Qorti ħasbet sewwa dwar din il-formulazzjoni u fittxet ukoll l-għejjun li fihom tnissel l-imsemmi artikolu 460. L-ewwel ħaġa li tolqot l-għajn fis-subartikolu (1) tal-artikolu 460, u li toħroġ mill-ewwel kliem tiegħu, hija li dan huwa suġġett għal dak li jistabilixxi s-subartikolu (2). Jekk is-subartikolu (2) għandu dispożizzjoni li tmur kontra s-subartikolu (1), jipprevali s-subartikolu (2). It-tieni karatteristika hi li, kif diġa' ngħad iżjed 'il fuq, l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern f'kawżi li fihom ikun imħarrek, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern. Għalkemm iddaħħal fis-sistema proċedurali Malti bl-Att VII tal-1981, reġa' nbidel xi ftit bil-bidliet li seħħew bl-Att XXIV tal-1995, iżda mhux b'mod radikali;

Illi l-Qorti tagħraf li kien hemm żmien meta l-fehma tal-Qrati kienet saħansitra li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta' kawża kontra l-Gvern li ma jintweriex li kien preċedut minn ittra uffiċjali jew protest kif jingħad fl-artikolu 460, mhux biss huwa null imma inesistenti għax ir-Reġistratur ma jmissux imqar laqgħu meta tressaq quddiemu[6]. Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullita' li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom[7];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-artikolu 460 japplika għall-proċedura li għandha

---

[5] Ara P.A. FGC: **7.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et***

[6] Ara P.A. FGC: **5.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi vs Avukat Ġenerali*** (mhix pubblikata)

[7] Ara P.A. FGC: **22.6.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et*** (mhix pubblikata)

quddiemha llum (inkluż fiha t-terminu speċjali maħsub fil-Kap 372) u li trid titwettaq f'termini jew modi ristretti. Il-Qorti tqis li, kieku kellu jiġi segwit il-proċediment tal-att ġudizzjarju magħdud miegħu ż-żmien tal-għaxart ijiem preventivi, bit-tħaris tagħha l-kumpannija rikorrenti kienet titlef ir-rimedju mogħti lilha mil-liġi speċjali jew b'mod ieħor issofri preġudizzju li ma jistax jiġi sanat;

Illi, għalhekk, wara li l-Qorti fliet sewwa d-dispożizzjoni tal-artikolu 460(2) u filwaqt li ssib li l-aħħar paragrafu tiegħu huwa sintattikament marbut mal-erba' (4) għamliet ta' proċedura li jissemmew fih u ma jistax jittawwal jew jiġġebbed b'analoġija, hija waslet għall-fehma li l-fatt li l-kumpannija rikorrenti ma kinitx ressqet att ġudizzjarju "preventiv" kontra l-Kummissarju intimat qabel ma fetħet din il-kawża ma jwassalx għall-irritwalita' tal-azzjoni tagħha ladarba, f'dan il-każ kien hemm terminu aqsar li kellu jitħares biex wieħed jikkontesta fil-ħin il-pretensjonijiet tal-Kummisasarju intimat;

Illi għalhekk, it-tieni eċċezzjoni m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi **għal dak li jirrigwarda n-nullita' tal-att għaliex sar bi ksur ta' forma meħtieġa mil-liġi** l-intimat iqis li tali nuqqas seħħ għaliex il-kumpannija rikorrenti mexxiet din il-kawża b'sempliċi rikors, minflok b'Rikors Maħluf. L-eċċezzjoni għalhekk tinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid jingħad ukoll li, f'dan ir-rigward, l-intimat jipprova jħaddem difiża b'żewġ miri: l-ewwel waħda trid li l-kumpannija rikorrenti m'għandha l-ebda rimedju biex tattakka l-kont mibgħut lilha ladarba dan sar titolu eżekuttiv bis-saħħa tal-liġi; it-tieni waħda hi li l-proċedura magħżula mill-kumpannija rikorrenti m'hijiex dik li trid il-liġi. Għal raġunijiet ovvji, l-Qorti sejra tqis biss it-tieni linja ta' difiża, għaliex l-ewwel waħda m'hijiex daqstant raġuni ta' eċċezzjoni preliminari formali dwar is-siwi tal-att ġudizzjarju magħżul mill-kumpannija rikorrenti, iżda attakk fuq il-fondatezza tal-pretensjonijiet tagħha fil-mertu;

Illi r-rikorrenti tisħaq li hija mxiet ritwalment tajjeb u sejset din il-fehma fuq il-fatt li f'każijiet oħra ntużat l-istess proċedura;

Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta' dubju li l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti la hija mressqa taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas taħt l-artikolu 281 tal-istess Kodiċi. Dan jingħad għaliex filwaqt li l-artikolu 466 tal-Kodiċi huwa maħsub milli jżomm pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv, il-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 281 hija mfassla biex tattakka atti eżekutivi u mhux titoli eżekutivi li jkunu diġa' miksuba. Min-naħa l-oħra, ladarba l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti hija dik li tattakka l-"pretensjoni dedotta fl-ittra uffiċjali" (jiġifieri l-ammont mitlub fl-ATĦ), allura l-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-intimat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors Maħluf kif jipprovdi l-artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura[8];

Illi jidher mad-daqqa t'għajn li l-att ġudizzjarju mressaq mill-kumpannija rikorrenti bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala Rikors Maħluf. F'dan il-każ, minħabba dan in-nuqqas, jgħodd dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 164(1) tal-Kap 12, marbut ma' dak li jrid l-artikolu 789(1)(d) tal-istess Kodiċi. Fil-każ partikolari, lanqas jidher li jista' jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-*proviso* tal-imsemmi artikolu 789(1), jekk mmhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid;

Illi għal din l-aħħar raġuni, l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat sejra tintlaqa';

Illi fid-dawl tal-fehma li l-Qorti waslet għaliha, ma ssibx li ngħatat raġuni tajba mill-kumpannija rikorrenti fir-rikors tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2009, biex din il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza. Tawspika li r-raġunijiet mogħtijin mir-rikorrenti f'dak ir-rikors iwasslu tassew għall-ftehim mixtieq bejn il-partijiet ukoll 'il hinn mill-ambitu ta' proċeduri quddiem il-qrati;

---

[8] Ara P.A. GCD **30.4.2009** fil-kawżi ***Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** u ***Joseph Camenzuli vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (appellati)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat** għaliex m'hijiex mistħoqqa fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat** u ssib li l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti saret b'att ġudizjarju li ma jiswiex, u b'hekk qiegħda teħles lill-istess Kummissarju intimat milli jibqa' fil-ġudizzju, bi **spejjeż għall-kumpannija rikorrenti**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------